

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/179**tal-1 ta' Frar 2017**

li tistabilixxi l-arranġamenti proċedurali meħtieġa għall-funzjonament tal-Grupp ta' Kooperazzjoni skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(5) tagħha,

Billi:

- (1) Kooperazzjoni strateġika bejn l-Istati Membri u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-esperjenza u l-aħjar prattika dwar is-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni hija essenzjali għal rispons effettiv għall-isfidi ta' inċidenti u riskji relatati mas-sigurtà ta' dawn is-sistemi fl-Unjoni.
- (2) Sabiex jappoġġa u jiffaċilita l-kooperazzjoni strateġika u l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri u sabiex tinbena fiduċja bejniethom, l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/1148, jistabilixxi grupp ta' kooperazzjoni magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infomazzjoni
- (3) Skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/1148, il-Grupp ta' Kooperazzjoni għandu jwettaq il-kompiti tiegħu abbażi ta' programmi ta' ħidma biennali, li l-ewwel wieħed minnhom għandu jkun stabbilit sad-9 ta' Frar 2018. Fost il-kompiti tiegħu, il-Grupp ta' Kooperazzjoni għandu jipprovdi gwida strateġika għall-attivitajiet tal-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters, għandu jiskambja informazzjoni u l-aħjar prattika, u jiddiskuti il-kapaċitajiet u l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni huwa wkoll meħtieġ iħejji sad-9 ta' Awwissu 2018 u kull sena u nofs wara, rapport li janalizza l-esperjenza miksuba mill-kooperazzjoni strateġika mwettqa skont dan l-Artikolu.
- (4) Skont l-Artikolu 24(2) tad-Direttiva (UE) 2016/1148 għall-perjodu mid-9 ta' Frar 2017 sad-9 ta' Novembru 2018 u biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri sabiex jieħdu approċċ konsistenti fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' operaturi ta' servizzi essenzjali, il-Grupp ta' Kooperazzjoni għandu jiddiskuti l-proċess, is-sustanza u t-tip ta' miżuri nazzjonali li jippermettu l-identifikazzjoni ta' operaturi ta' servizzi essenzjali f'settur speċifiku. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni għandu jiddiskuti wkoll, wara talba ta' Stat Membru, abbozz ta' miżuri nazzjonali speċifiċi ta' dak l-Istat Membru rigward l-identifikazzjoni ta' operaturi ta' servizzi essenzjali f'settur speċifiku.
- (5) Skont l-Artikolu 14(7) tad-Direttiva (UE) 2016/1148 l-awtoritajiet kompetenti li jaġixxu flimkien fi ħdan il-Grupp ta' Kooperazzjoni jistgħu jfasslu u jadottaw linji gwida dwar iċ-ċirkostanzi li fihom l-operaturi ta' servizzi essenzjali huma mitluba jinnotifikaw inċidenti, inklużi l-parametri li jiddeterminaw il-kobor tal-impatt ta' inċident.
- (6) Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva (UE) 2016/1148 il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-segretarjat tal-Grupp ta' Kooperazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi wkoll appoġġ segretarjali għas-sottogrupp maħluq skont din id-Deċiżjoni.
- (7) Il-Group ta' Kooperazzjoni għandu jiġi ppresedut minn rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-Prezidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-President għandu jkun meħjun fil-qadi ta' dmirijietu minn rappreżentanti ta l-Istati Membri li jkollhom il-Prezidenza preċedenti kif ukoll dik suċċessiva tal-Kunsill tal-Unjoni. Il-President jista' jispeċifika l-kompiti li fir-rigward tagħhom dik l-għajnuna tista' tkun meħtieġa. F'każ li Stat Membru li għandu l-Prezidenza tal-Kunsill se jżomm lura milli jippresiedi l-Grupp, għandu jiġi elett president supplenti b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Grupp.

⁽¹⁾ ĠUL 194, 19.7.2016, p. 1

- (8) Il-ħidma tal-President għandha tkun irregolata mill-prinċipji tal-inklużjoni, tal-impenn, tar-rispett għad-diversità u tal-bini ta' kunsens. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-President tal-Grupp ta' Kooperazzjoni jiffaċilita l-impenn tal-membri kollha, li jippermetti diversità fl-opinjoni u l-pożizzjonijiet espressi u jipprova jagħmel ħiltu biex isib soluzzjonijiet li jgawdu l-akbar appoġġ possibbli fi ħdan il-Grupp ta' Kooperazzjoni.
- (9) Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva (UE) 2016/1148, il-Grupp ta' Kooperazzjoni jista', fejn xieraq, jistieden rappreżentanti ta' partijiet ikkonċernati rilevanti biex jattendu l-laqgħat tal-grupp. Sabiex jiġi żgurat li mill-ewwel jum tal-adeżjoni l-pajjiżi aderenti jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/1148, xieraq li r-rappreżentanti ta' dawn il-pajjiżi jkunu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Grupp ta' Kooperazzjoni mid-data tal-iffirmar tat-Trattat tal-Adeżjoni. Id-deċiżjoni li jiġu mistiedna rappreżentanti ta' partijiet ikkonċernati jew esperti biex jattendu laqgħa jew parti partikolari minn laqgħa tal-Grupp ta' Kooperazzjoni għandha tittieħed mill-President, ħlief jekk b'maġġoranza sempliċi tal-membri komponenti, il-grupp jopponi l-parteċipazzjoni tar-rappreżentant jew tal-espert ikkonċernat fil-laqgħa jew f'parti minnha.
- (10) Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2016/1148, l-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li se jippermettu u jorganizzaw il-parteċipazzjoni tagħhom f'xi attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni.
- (11) Fl-interess tal-effiċjenza, il-Grupp ta' Kooperazzjoni għandu jkollu l-possibilità li joħoloq sottogrupperi.
- (12) Fl-interess tas-simplifikazzjoni, il-Grupp ta' Kooperazzjoni għandu jadotta regoli aktar dettaljati tal-proċedura, li jirrigwardaw b'mod partikolari, il-modalitajiet tad-distribuzzjoni ta' dokumentazzjoni, il-proċedura bil-miktub jew it-tfassil ta' sommarju tal-minuti tal-laqgħat.
- (13) Fil-prinċipju, id-diskussjonijiet tal-Grupp ma għandhomx ikunu miftuħa għall-pubbliku għaliex l-żvelar tagħhom jista' jkollu implikazzjonijiet negattivi fuq il-fiducia u l-bini ta' fiducia bejn il-membri, minħabba l-fatt li sikwit il-kwistjoni diskussa tikkonċerna s-sigurtà pubblika. Madankollu, il-Grupp jista' jiddeċiedi, bil-qbil tal-President li jiftaħ id-diskussjoni tiegħu dwar ċerti kwistjonijiet lill-pubbliku u anke li jiffaċilita l-żvelar pubbliku ta' dokumentazzjoni xierqa.
- (14) Bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-Grupp mill-jum imsemmi fl-Artikolu 24(1) tad-Direttiva (UE) 2016/1148, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (15) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sigurtà tan-Netwerks u tas-Sistemi tal-Infommazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2016/1148,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għan

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-arranġamenti proċedurali meħtieġa għall-funzjonament tal-Grupp ta' Kooperazzjoni (il-“Grupp”) stabbilit bl-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/1148.

Artikolu 2

Il-president tal-grupp

1. Il-Grupp għandu jiġi ppresedut mir-rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-President għandu jkun megħjun fit-tweġiq ta' dmirijietu minn rappreżentanti tal-Istati Membri li jkollhom l-Presidenza preċedenti u suċċessiva tal-Kunsill tal-Unjoni.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 u wara talba minn rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, f'każ li Stat Membru se jżomm lura milli jippresiedi l-laqgħat tal-Grupp, il-Grupp jista' jiddeċiedi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri komponenti tiegħu li jeleġġi l-president supplenti minn fost l-Istati Membri sakemm il-President li jmiss jieħu postu skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 3***Is-sejħa għal-laqgħat**

1. Il-laqgħat tal-Grupp għandhom jissejħu mill-president, fuq inizjattiva tiegħu stess jew wara talba ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. Il-President għandu jipprovi skeda indikattiva tal-laqgħat matul il-mandat tiegħu, filwaqt li jqis il-Programm ta' Ħidma tal-Grupp.
2. Fil-prinċipju, il-laqgħat tal-Grupp għandhom isiru fil-bini tal-Kummissjoni.

*Artikolu 4***Il-metodi ta' ħidma**

Il-Grupp għandu jwettaq il-ħidma tiegħu b'kombinazzjoni ta' laqgħat f'forma fiżika jew virtwali u bil-proċedura bil-miktub.

*Artikolu 5***L-aġenda**

1. Il-President, megħjun mis-segretarjat, għandu jfassal l-aġenda u jibgħatha lill-membri tal-Grupp.
2. L-aġenda għandha tkun adottata mill-Grupp fil-bidu tal-laqgħa.

*Artikolu 6***Ir-regoli tal-votazzjoni u l-pożizzjonijiet espressi mill-membri tal-Grupp**

1. Id-deċiżjonijiet tal-Grupp għandhom jittieħdu b'kunsens, sakemm mhux iprovdut mod ieħor f'din id-Deċiżjoni.
2. Meta ssir votazzjoni, il-Membri li vvotaw kontra jew li astjenew għandu jkollhom id-dritt għal sommarju tar-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħhom anness mad-dokument imressaq għall-vot.
3. Il-Grupp għandu jadotta l-programm ta' ħidma tiegħu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri komponenti tiegħu.

*Artikolu 7***Il-partijiet terzi u l-esperti**

1. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi aderenti għandhom jiġu mistednin jattendu l-laqgħat tal-Grupp mid-data tal-iffirmar tat-Trattat tal-adeżjoni.
2. Il-President jista' jiddeċiedi li jistieden rappreżentanti ta' partijiet ikkonċernati rilevanti jew esperti sabiex jipparteċipaw flaqgħa tal-Grupp, jew f'parti minn laqgħa tal-Grupp, fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jew wara talba ta' xi membru tal-Grupp. Madankollu, maġġoranza sempliċi tal-membri komponenti tal-Grupp tista' topponi tali parteċipazzjoni.
3. Ir-rappreżentanti ta' partijiet terzi, il-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-esperti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 la għandhom ikunu preżenti u lanqas ma għandhom jipparteċipaw waqt il-votazzjonijiet tal-Grupp.

*Artikolu 8***Il-ħolqien ta' sottogrupperi**

1. Il-Grupp jista' jwaqqaf sottogrupperi biex jeżamina kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-ħidma tiegħu.
2. Il-Grupp għandu jiddefinixxi t-termini ta' referenza tas-sottogrupperi. Sottogrupp għandu jirrapporta lill-Grupp u ma għandux jibqa' jeżisti ladarba jkun issodisfa l-mandat tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha ttipprovi appoġġ segretarjali għal kull sottogrupp imsemmi fil-paragrafu 1.
4. Ir-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti u dwar il-kunfidenzjalità msemmija fl-Artikolu 10, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali msemmija fl-Artikolu 11 u r-regoli dwar l-ispejjeż tal-laqgħat imsemmija fl-Artikolu 12 għandhom japplikaw għas-sottogruppi.

Artikolu 9

Ir-regoli ta' proċeduri

1. Il-grupp għandu jadotta, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri komponenti tiegħu, ir-regoli ta' proċedura tiegħu.
2. Il-President jista' jipproponi wara talba minn membru tal-grupp jew fuq inizjattiva tiegħu stess, emendi għar-regoli ta' proċedura.

Artikolu 10

L-aċċess għad-dokumenti u l-kunfidenzjalità

1. It-talbiet indirizzati lill-Grupp għal aċċess għad-dokumenti li jikkonċernaw l-attivitajiet tiegħu għandhom jiġu trattati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
2. Id-diskussjonijiet tal-Grupp ma għandhomx ikunu miftuħa għall-pubbliku. Bi qbil mal-President, il-Grupp jista' jiddeċiedi, għal ċerti suġġetti, li jiftaħ id-diskussjonijiet tiegħu għall-pubbliku.
3. Id-dokumenti mibgħuta lill-membri tal-Grupp, lir-rappreżentanti ta' partijiet terzi u lill-esperti ma għandhomx jiġu żvelati lill-pubbliku, sakemm ma jingħatax aċċess għalihom skont il-paragrafu 1 jew sakemm dawn ma jinfetħux għall-pubbliku b'mod ieħor mill-Kummissjoni.
4. Ir-regola tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà fir-rigward tal-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni stabbilita fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 ⁽²⁾ u (UE, Euratom) 2015/444 ⁽³⁾ għandha tapplika għal kwalunkwe tali informazzjoni riċevuta, maħluqa jew trattata mill-Grupp. Informazzjoni trattata mill-Grupp li hija koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali għandha tkun protetta kif dovut.
5. Il-membri tal-Grupp, kif ukoll ir-rappreżentanti ta' partijiet terzi, għandhom ikunu mitlubin jirrispettaw l-obbligi tal-kunfidenzjalità preskritti f'dan l-Artikolu. Il-president għandu/għandha jiżgura/tiżgura li r-rappreżentanti ta' partijiet terzi jkunu jafu bir-reqwiżiti dwar il-kunfidenzjalità imposti fuqhom.

Artikolu 11

Il-protezzjoni ta' dejta personali

L-ipproċessar ta' dejta personali mill-Uffiċċju għandu jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.

Artikolu 12

L-ispejjeż tal-laqgħat

1. Il-Kummissjoni ma għandhiex tħallas lil dawk involuti fl-attivitajiet tal-Grupp għas-servizzi tagħhom.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba mill-parteċipanti fil-laqgħat tal-Grupp jistgħu jġu rrimborżati mill-Kummissjoni. Ir-rimborż għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet disponibbli allokati lis-servizzi tal-Kummissjoni skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

Artikolu 13

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
